MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Numru. 4/2003

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
VS
GEORGE FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat George Farrugia ta' 42 sena bin Nicholas u Rose nee Debono, imwieled Bormla, fis-6 t'Awissu 1960 u joqghod 15, Flat 4, Triq il-Bjar Valletta ID Card No 554160M talli fis-27 ta' Dicembru 2002 u f'dawn l-ahhar xhur, biex jissodisfa iz-zina ta' haddiehor, gieghel bil-vjolenza, jew hajjar b'qerq, lil Louise Bugeja ghall-prostituzzjoni liema delitt sar b'abbuz ta' fiducja jew ta' relazzjoni familjari u bhala drawwa jew ta' hsieb ta' qliegh u dan bi ksur tal-artikolu 205 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta'

Louise Bugeja u Portia Farrugia u dan bi ksur tal-artikolu 7 tal-kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fit-28 ta' Dicembru 2002 ghal habta ta' xi 12.30pm fil-Belt Valletta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta iddenunzja lil Pulizija Esekuttiva reat, liema reat jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar u dan bi ksur tal-artikolu 110(2) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli cioe ghamel hsara fil-fond nru 15, Flat 4, Triq il-Bjar, Valletta ghad-dannu ta' Louise Bugeja mill-Belt Valletta, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 izda mhux aktar minn Lm500 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkaguna offiva ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' bintu Portia Farrugia skond kif iccertifika Dr John Galea MD tac-Centru tas-Sahha tal-Furjana u fuq il-persuna ta' Louise Bugeja u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u dan bi ksur tal-arikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qal fil-pubbliku klum indicenti u oxxen, liema kliem kien jikkonsisti f'dagha u dan bi ksur tal-artikoli 338(bb) u 342 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli b'hekk sar ricediv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Dicembru 1989 (Awla G), fil-15 ta' Mejju 1992 (Awla F) u fit-23 ta' Novembru 1992 (Awla I) u aktar talli kiser il-provediment tal-artikolu 5 kap 152 moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar 2001.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 205, 110(2), 325(b), 221, 338(dd) u (bb), 342, 49 u 50 tal-kap 9 u Art 7 tal-kap 63 u Art 23 tal-kap 446 tikkundanna lill-imputat ghal tlett snin prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f'arrest preventiv.

Il-Qorti tippreciza illi l-fedina penali impressjonanti tal-imputat ma tippermettix konsiderazzjoni ta' piena alternattiva ghal dak ta' prigunerija.

Madanakollu il-Qorti tirrakomanda li l-imputat jsegwi programm ta' riabilitazzjoni kontra id-drogi minn hdan il-Facilita Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------